

MT



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

# 2013

## Awditu tal-UE fil-qosor

Introduzzjoni tar-Rapporti Annwali 2013  
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA  
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-872-1010-4  
doi:10.2865/25757

© L-Unjoni Ewropea, 2014  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

**MT**

**2013**

## **Awditu tal-UE fil-qosor**

**Introduzzjoni tar-Rapporti Annwali 2013  
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**



F'Novembru kull sena, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tirrapporta dwar ir-riżultati tal-awdituri annwali tagħha tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE għas-sena finanzjarja preċedenti. Abbażi ta' evidenza għall-awditjar li niġbru, nipprovdut aċċertament dwar kif intużaw il-fondi tal-UE, b'enfasi fuq fejn il-fondi tal-UE nstabu li kienu fl-akbar riskju li jintnefqu ħażin. Ir-rapporti jinkludu wkoll rakkomandazzjonijiet dwar kif il-ġestjoni finanzjarja tal-UE tista' tittejjeb. B'dan il-mod, l-istituzzjoni tagħna tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiskrutinizzaw l-infiq tal-UE u tippromwovi obbligu ta' rendikont effettiv liċ-ċittadini tal-UE.

*"Awditu 2013 tal-UE fil-qosor"* jiġbor fil-qosor u jispjega s-sejbiet prinċipali fir-rapporti annwali tagħna

dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 2013 tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. B'hal fis-snin preċedenti, ir-rapporti jipprovdut fehim approfondit dwar il-punt sa fejn daww responsabbli mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, irrappurtaw b'mod onest dwar il-ġestjoni tal-fondi, żguraw li r-regoli finanzjarji tal-UE ġew applikati, u rrispettaw il-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effettività.

L-2013 kienet l-aħħar sena minn perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin u qed nipublikaw ir-rapporti annwali tagħna dwarha fi żmien tranżizzjonali importanti għall-UE u l-finanzi tagħha. Il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jinsab għaddej b'ħalissa u, b'halma juru r-rapporti tagħna, Parlament Ewropew ġdid u Kummissjoni ġdida qed jiffaċċjaw sfidi tal-ġestjoni finanzjarji u tal-obbligu ta' rendikont, kemm daww li ilhom jeżistu kif ukoll daww ġodda.

Il-pressjoni kontinwa fuq il-finanzi tal-UE u daww nazzjonali teħtieġ ġestjoni u kontroll tal-fondi tal-UE b'attenzjoni kif ukoll tbassir aħjar tar-rekwiżiti ta' finanzjament fuq medda twila. B'mod partikolari, fir-rapporti tagħna nenfasizzaw il-ħtieġa biex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħtu attenzjoni akbar fil-ġestjoni finanzjarja tagħhom tal-baġit tal-UE biex jiżguraw li flus l-UE qed jintużaw għall-kisba ta' riżultati li ma setgħux jinkisbu b'mod daqshekk effiċjenti jew effettiv b'modi oħra. Fl-istess ħin, ir-riżultati tal-awditjar tal-QEA juru wkoll li hemm aktar li jista' u li għandu jsir biex jiġi żgurat li flus l-UE qed jintnefqu skont ir-regoli tagħha.

Il-QEA tistenna b'interess li tgħin lill-Parlament Ewropew il-ġdid u lill-Kummissjoni l-ġdida biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet kif ukoll kwistjonijiet oħra ta' ġestjoni finanzjarja u ta' obbligu ta' rendikont li qed jiffaċċjaw lill-UE. Għal din il-fini, ħejjejna wkoll żewġ analiżijiet panoramiċi, ibbażati fuq l-esperjenza tal-awditjar tal-QEA, biex nenfasizzaw l-isfidi prinċipali tal-obbligu ta' rendikont, tal-awditjar u tal-ġestjoni finanzjarja li qed jiffaċċjaw lill-UE.

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

A handwritten signature in black ink, appearing to read "V. Caldeira".

President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Paġna

04	<b>Riżultati kumplessivi</b>
04	<b>Messaġġi ewlenin</b>
05	<b>Infiq ta' flus I-UE skont ir-regoli</b>
15	<b>Il-kisba ta' riżultati bi flus I-UE</b>
18	<b>Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-oqsma tad-dħul u tal-infiq</b>
18	<b>Dħul</b>
20	<b>Agrikoltura: suq u appoġġ dirett</b>
22	<b>Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa</b>
24	<b>Politika reġjonali, enerġija u trasport</b>
26	<b>Impjiegi u affarijiet soċjali</b>
28	<b>Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir</b>
30	<b>Riċerka u politiki interni oħra</b>
32	<b>Nefqa amministrattiva u nfiq relatat</b>
33	<b>Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ)</b>
35	<b>Informazzjoni ta' sfond</b>
35	<b>Daqqa t'għajn lejn l-approċċ tal-awditjar</b>
37	<b>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u xogħolha</b>

## Messaġġi ewlenin

### Sommarju tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2013

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tagħti **opinjoni nadifa** dwar l-affidabbiltà tal-**kontijiet** 2013 tal-Unjoni Ewropea.

Id-**dħul** għall-2013, meħud fl-intier tiegħu, huwa **legali u regolari**.

L-**impenji** għall-2013, meħuda fl-intier tagħhom, huma **legali u regolari**.

Il-**pagamenti** għall-2013 huma materjalment milquta minn żball. Għalhekk il-QEA tagħti **opinjoni avversa** dwar il-legalità u r-regolarità tagħhom.

*Għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2013.*

- Ir-**rata ta' żball stmata**, li tkejjel il-livell ta' irregolarità, għall-pagamenti 2013 hija 4,7 %, li hija qrib dik tal-2012 (4,8 %), u oġġa b'mod persistenti mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.
- Kumplessivament, b'varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri, is-**sistemi ta' superviżjoni u kontroll** eżaminati kienu parzjalment effettivi biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti.
- Iż-**żewġ oqsma ta' nfiq** l-aktar suxxettibbli għal żball kienu *politika reġjonali, enerġija u trasport* b'6,9 % u *żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa* b'6,7 %. Għall-**ġestjoni kondiviża** fl-intier tagħha, jiġifieri li tinkludi wkoll *agrikoltura: suq u appoġġ dirett u impjiegi u affarijiet soċjali*, ir-rata ta' żball stmata kienet 5,2 %.
- L-**azzjoni korrettiva u ta' rkupru** mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni kellha impatt pożittiv fuq ir-rata ta' żball stmata. Mingħajr din l-azzjoni, ir-rata kumplessiva ta' żball stmata kienet tkun 6,3 %.
- Bħal fl-2012, għal proporzjon kbir mit-tranżazzjonijiet milquta minn żball fl-oqsma ta' **ġestjoni kondiviża, awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni.
- **Żieda kontinwata fis-somom li għandhom jiġu ffinanzjati minn baġits futuri**, minkejja żieda sinifikanti fil-pagamenti tal-baġit 2013, tagħmilha essenzjali għall-Kummissjoni biex din tippjana ir-rekwiżiti ta' pagament tagħha għat-termini medji u twal.
- L-infiq tal-fondi tal-UE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien iffukat fuq l-assorbiment ("tużahom jew titlifhom") u l-konformità aktar milli fuq il-prestazzjoni tajba. Dan in-**nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni** huwa difett fundamentali fit-tfassil ta' ħafna mill-baġit tal-UE.

## Infiq ta' flus l-UE skont ir-regoli

### Flus l-UE għall-2013

Kull sena l-QEA tawditja d-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE u tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-punt sa fejn il-kontijiet annwali huma affidabbli u sa fejn it-tranżazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.

L-infiq baġitarju tal-UE ammonta għal total ta' **EUR 148,5 biljun** fl-2013, jew madwar EUR 290 għal kull ċittadin. Dan l-infiq jammonta għal madwar wieħed fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE u jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor tnejn fil-mija tal-infiq pubbliku totali tal-Istati Membri tal-UE.

Il-baġit tal-UE jiġi miftiehem kull sena – fi ħdan il-kuntest ta' oqfsa finanzjarji li jkopru seba' snin – mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-iżgurar li l-baġit jintnefaq sew huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Għal madwar 80 % tal-infiq – prinċipalment agrikoltura u koeżjoni – din ir-responsabbiltà hija kondiviża mal-Istati Membri tal-UE.

### Minn fejn jiġu l-flus?


Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat b'mezzi varji. L-akbar proporzjon jitħallas mill-Istati Membri abbażi tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom (EUR 110,0 biljun). Sorsi oħra jinkludu pagamenti mill-Istati Membri abbażi tat-taxxa fuq il-valur miżjud li huma jiġbru (EUR 14,5 biljun) kif ukoll ta' dazji doganali u agrikoli (EUR 15,4 biljun).

### Fuq xiex jintnefqu l-flus?

Il-baġit annwali tal-UE jintnefaq fuq firxa wiesgħa ta' politiki (ara d-**Dijagramma 1**). Il-pagamenti jsiru biex jappoġġaw attivitajiet li jistgħu jkunu varjati bħal proġetti għar-riċerka, taħriġ għal nies mingħajr impjeg jew produzzjoni agrikola.

Dijagramma 1

Baġit 2013 tal-UE




Sejbiet tal-awditjar għall-2013

Element ewlieni tax-xogħol tal-awditjar tal-QEA huwa l-ittestjar ta' kampjuni ta' tranżazzjonijiet minn madwar il-baġit tal-UE biex jiġu pprovduti stimi bbażati fuq l-istatistika, tal-punt sa fejn id-dħul u l-oqsma differenti ta' nfiq huma milquta minn żball. Id-**Dijagramma 2** tiġbor fil-qosor ir-riżultati għall-2013. Għal aktar informazzjoni dwar l-approċċ tal-awditjar tal-QEA u l-istima tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli ara l-paġna 35.

Dijagramma 2

Riżultati 2013 tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu



**Rata tal-iżball l-aktar probabbli** (rata ta' żball stmata bbażata fuq l-iżbalji kwantifikabbli misjuba fil-kampjun statistiku tat-tranżazzjonijiet)


Għall-2013, il-QEA tikkonkludi li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Għall-baġit tal-infiq fl-intier tiegħu, ir-rata ta' żball stmata ta' 4,7 % twassal għal opinjoni avversa dwar ir-regolarità tal-infiq (għal spjegazzjoni dwar it-terminu "regolarità" jekk jogħġbok irreferi għall-paġna 36).

L-ittestjar jipprovdi wkoll riżultati għal kull qasam ta' nfiq kif ippreżentat fid-**Dijagramma 3**.

Informazzjoni ulterjuri dwar kull qasam ta' nfiq tingħata fil-paġni 18 sa 34, u fil-kapitoli relatati tar-Rapport Annwali 2013.

## Dijagramma 3

### Riżultati 2013 tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-oqsma ta' nfiq tal-UE



**% Rata tal-iżball l-aktar probabbli** (rata ta' żball stmata bbażata fuq l-iżbalji kwantifikabbli misjuba fil-kampjun statistiku tat-tranżazzjonijiet)


**Nota:** Il-QEA tuża tekniki standard tal-istatistika biex tistma r-rata tal-iżball l-aktar probabbli. (Ara l-Kapitolu 1 l-Anness 1.1 tar-rapport annwali).

## Analiżi tar-riżultati tal-awditjar

Ir-rata ta' żball stmata, li tkejjel il-livell ta' irregolarità, għall-pagamenti 2013 hija 4,7 %, li hija qrib dik tal-2012 (4,8 %), u oġġla b'mod persistenti mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. (ara d-**Dijagramma 4**).

Dijagramma 4

### Rata ta' żball stmata għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu: 2007 sa 2013



Nota: Il-QEA tuża tekniki standard tal-istatistika biex tistma r-rata tal-iżball l-aktar probabbli. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball għall-popolazzjoni tinsab fil-firxa bejn il-limitu inferjuri tal-iżball u l-limitu superjuri tal-iżball. Għal aktar dettalji ara l-Kapitolu 1 l-Anness 1.1 tar-rapport annwali u l-Graff 1.3 tar-rapport annwali.

## Żbalji, ħela u frodi

L-istima mill-QEA tar-rata ta' żball mhijiex kejl ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela. Hija stima tal-flus li ma kienx imiss-hom tħallsu minħabba li ma ntużawx skont il-leġiżlazzjoni applikabbli. Żbalji tipiċi jinkludu pagamenti għal infiq li kien ineliġibbli jew għal xirjiet mingħajr l-applikazzjoni idonea ta' regoli tal-akkwist pubbliku.


Il-frodi hija att deliberat ta' qerq biex jinkiseb benefiċċju. Il-QEA tirrapporta każijiet ta' frodi suspettata matul ix-xogħol tal-awditjar tagħha lill-OLAF, l-uffiċċju tal-Unjoni Ewropea kontra l-frodi, li jinvestiga u jsegwi kif meħtieġ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet fl-Istati Membri.

Tqabbil tar-rati ta' żball stmata għall-oqsma ta' nfiq varji jintwera fid-**Dijagramma 5**. Żidiet għal *riċerka u politiki interni oħra kif ukoll nefqa amministrattiva u nfiq relatat* tpaċew bi tnaqqis fi *żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa u relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir*.

Bħal fl-2012, iż-żewġ oqsma ta' nfiq l-aktar suxxettibbli għal żball kienu *politika reġjonali, enerġija u trasport u żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa*. Dawn iż-żewġ oqsma, flimkien maż-żewġ **oqsma l-oħra ta' ġestjoni kondiviża** (*ag-rikoltura: suq u appoġġ dirett u impjegi u affarijiet soċjali*), għandhom rata ta' żball stmata ta' 5,2 %. In-nefqa operazzjonali l-oħra kollha (li hija fil-biċċa l-kbira mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni) għandha rata ta' żball stmata ta' 3,7 %. Fl-aħħar nett, il-QEA sabet rata ta' żball stmata ta' 1,0 % fin-nefqa amministrattiva.




Dijagramma 5 Tqabbil bejn ir-rati ta' żball stmati tal-2012 u l-2013 għall-oqsmi ta' nfiq tal-UE



Dijagramma 6

Ripartizzjoni tar-rata kumplessiva ta' żball stmata skont il-qasam ta' nfiq u t-tip ta' żball



% Rata kumplessiva ta' żball stmata għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu

% Proporzjon tar-rata kumplessiva ta' żball, espress f'punti perċentwali

Il-QEA tanalizza l-kontribut ta' tipi speċifiċi ta' żball kif ukoll oqsma ta' nfiq speċifiċi għar-rata kumplessiva ta' żball stmata (ara d-**Dijagramma 6**).

L-infiq li ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitħallsu proġetti ffinanzjati mill-UE għamel l-akbar kontribut għar-rata kumplessiva ta' żball stmata (*spejjeż ineliġibbli inklużi fil-klejms tal-ispejjeż*: 39 % jew 1,8 punti perċentwali tar-rata kumplessiva ta' żball stmata). Fit-tieni post ġew proġetti fejn jew l-oġġett/l-attività ffinanzjat(a) jew inkella l-benefiċjarju ma kellhomx permess taħt ir-regoli applikabbli (proġetti/attivitàjiet jew benefiċjarji *ineliġibbli*: 22 %; 1,1 punti perċentwali tar-rata kumplessiva ta' żball stmata).

Il-*politika reġjonali, enerġija u trasport* huwa l-akbar qasam ta' nfiq u għandu l-ogħla rata ta' żball stmata. Minħabba dan il-kombinament, huwa bil-bosta l-akbar kontributor għar-rata kumplessiva ta' żball stmata, bil-bosta (44 %; 2,1 punti perċentwali tar-rata kumplessiva ta' żball stmata). B'volum simili ta' nfiq, *agrikoltura: suq u appoġġ dirett* jikkontribwixxi madwar nofs dak l-ammont għar-rata kumplessiva ta' żball stmata.

### Miżuri korrettivi għandhom impatt pożittiv fuq ir-rata ta' żball

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jużaw miżuri korrettivi biex iħarsu l-baġit tal-UE f'każijiet ta' sistemi ineffettivi ta' kontroll jew infiq irregolari. Li kieku tali miżuri korrettivi ma kinux ġew applikati għall-pagamenti 2013 awditjati mill-QEA, ir-rata kumplessiva ta' żball stmata kienet tkun 6,3 % minflok 4,7 %.

Madankollu, għad hemm lok konsiderevoli biex titnaqqas ir-rata ta' żball stmata permezz ta' użu aħjar minn sistemi ta' kontroll u miżuri korrettivi eżistenti. Il-QEA sabet li għal proporzjon kbir mit-tranżazzjonijiet milquta minn żball fl-oqsma ta' ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jaqbd u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Pereżempju, dan kieku kien inaqqas ir-rata ta' żball stmata fil-*politika reġjonali, enerġija u trasport* minn 6,9 għal 3,9 %, fl-*iżvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa*, minn 6,7 għal 2,0 % u fl-*impjegi u affarijiet soċjali* minn 3,1 għal 1,2 %.

### Sfidi ġodda fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja affidabbli

Ir-rappurtar tal-aġġustamenti korrettivi msemmija qabel ma jiddistingwix b'mod ċar bejn it-tipi prinċipali ta' aġġustamenti korrettivi, u l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-biċċa l-kbira barra mis-sistema kontabilistika. Dan jagħmilha diffiċli li ssir analiżi ulterjuri u jnaqqas il-preċiżjoni taċ-ċifri ppreżentati fil-kontijiet u fir-rappurtar finanzjarju relatat.

Żvilupp ieħor huwa l-użu dejjem jikber ta' strumenti finanzjarji. Dawn jipprovdu appoġġ għall-investimenti permezz ta' selfiet, garanziji, ekwità u mekkaniżmi oħra li jgħorru r-riskju, għal proġetti b'vijabbiltà ekonomika potenzjali. Minħabba l-istruttura kumplessa tagħhom, l-istrumenti finanzjarji jeħtieġu attenzjoni partikolari fil-kejl u r-reġistrazzjoni tagħhom skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku.

## Żieda kontinwata fis-somom li għandhom jiġu ffinanzjati minn baġits futuri

Il-karatteristiċi ewlenin tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-UE fl-2013 kienu jinkludu:

- żieda kbira fil-volum ta' pagamenti li l-Kummissjoni kellha permess li tagħmel permezz ta' baġits emendatorji: 9,6 % tal-baġit inizjali;
- tkabbir kontinwat ta' obbligi li jsiru pagamenti fil-futur bi 2,6 %, minkejja l-livell għoli ta' pagamenti;
- perjodu twil b'mod persistenti (aktar minn medja ta' sentejn) mill-impenn inizjali sal-aċċettazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-klejms tal-infiq;
- 37 % biss tal-fondi mħallsa fi strumenti ta' inġinerija finanzjarja kienu ġew żborżati lir-riċevituri finali fi tmien l-2012; u
- nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' EUR 259 miljun bħala dħul minn ripagamenti, imgħax u dividendi li kienu akkumulaw mill-2008 'l hawn.

### X'inhuma impenji u pagamenti?

Il-baġit tal-UE għandu żewġ komponenti: impenji (ammonti li għandhom jitħallsu fis-snin attwali jew futuri) u pagamenti (li jkopru pagamenti ta' fondi fis-sena attwali). Pagamenti jistgħu jsiru biss fir-rigward ta' impenn validu. Il-limiti massimi annwali għal impenji u pagamenti huma stabbiliti fl-oqfsa finanzjarji pluriennali miftiehma mill-Kunsill u mill-Parlament.

In-natura tal-programmi ta' nfiq tal-UE, b'mod partikolari d-dewmien twil bejn l-impenn u l-pagamenti, twassal għal pressjoni dejjem tikber fuq baġits futuri għall-pagamenti. Xhieda ta' dan hija ż-żieda kbira fil-baġit għall-pagamenti 2013 u huwa mistenni li jaffettwa baġits futuri b'mod simili.

### Kif għandha tittejjeb il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Il-QEA tqis li l-Kummissjoni għandha:

- tippubblika informazzjoni aktar sinifikanti dwar l-operazzjoni ta' mekkaniżmi korrettivi (twaqqit, oriġini u natura) u żżid l-aċċertament dwar il-preċiżjoni ta' ċifri tagħha billi tirreġistra l-informazzjoni fi ħdan sistemi kontabilistiċi konvenzjonali;
- tirreġistra u tkejjel l-istrumenti finanzjarji u l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja kollha skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' proċeduri affidabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' nżul fil-valuri tal-assi;
- tipprovdi informazzjoni dwar flus kontanti miżmuma sakemm jitwettaq l-iżborżament lill-benefiċjarji finali; u
- tfejji u tippubblika tbassir tal-flussi tal-flus fuq firxa wiesgħa biex jiġu aġġornati kull sena. Dan kieku jassisti lill-partijiet interessati fil-valutazzjoni ta' rekwiżiti futuri ta' pagament u prijoritajiet baġitarji.



Trid issir taf aktar? Informazzjoni sħiħa dwar is-sejbiet prinċipali tinstab fil-Kapitolu 1 "Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn" tar-Rapport Annwali 2013 dwar il-baġit tal-UE.



## Il-kisba ta' riżultati bi flus I-UE

Flus I-UE għandhom jintnefqu f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba: ekonomija, effiċjenza u effettività. Il-kisba ta' prestazzjoni tajba tinvolvi l-inputs (mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm), l-outputs (l-eżiti tal-programm), ir-riżultati (l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti) u l-impatti (bidliet fuq terminu twil fis-soċjetà li jstgħu jkunu attribwiti, għall-anqas parzjalment, lill-azzjoni tal-UE). Il-QEA tivvaluta dawn l-attributi permezz tal-awditi tal-prestazzjoni tagħha.

### Fokus insuffiċjenti fuq il-prestazzjoni

Waqt l-infiq tal-fondi tal-UE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-fokus kien fuq l-assorbiment ("tużahom jew titliffhom") u l-konformità aktar milli fuq il-prestazzjoni tajba. Pereżempju, l-għażla ta' proġetti li kellhom jirċievu fondi tal-UE ffukat l-ewwel fuq l-infiq tal-flus disponibbli tal-UE, it-tieni fuq il-konformità mar-regoli, u biss imbagħad – u sa punt limitat – fuq il-kisba ta' riżultati u impatt. Dan in-nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni huwa difett fundamentali fit-tfassil ta' ħafna mill-baġit tal-UE.

Il-Kummissjoni ssostni li l-perjodu ta' programmajoni 2014 sa 2020 għandu fokus aktar b'saħħtu fuq il-prestazzjoni, u l-inċentiv prinċipali huwa riżervi ta' prestazzjoni. Permezz ta' dawn ir-riżervi l-Kummissjoni se żżomm 6 % tal-fondi assenjati għal Stat Membru individwali sakemm il-prestazzjoni titqies sodisfaċenti. Madankollu, l-indikaturi tal-input u tal-output xorta waħda fil-prattika se jiddeterminaw fil-biċċa l-kbira r-rilaxx tal-fondi. L-indikaturi tar-riżultati se jintużaw biss mill-Kummissjoni f'xi oqsma.

It-tħaddim ta' riżervi ta' prestazzjoni b'mod aktar effettiv se jiddependi mis-suċċess tal-Kummissjoni fin-negozjar ta' miri u stadji importanti adatti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u fil-kisba ta' *data* preċiża, affidabbli u f'waqtha mingħand l-Istati Membri biex jiġi determinat jekk il-miri ntlewqux.

### Ir-rappurtar mhuwiex adattat għall-aspirazzjonijiet ta' kultura tal-prestazzjoni

Ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tal-baġit kollu kemm hu huwa frammentat f'bosta rapporti kumplessivi. Dawn ir-rapporti ma jkoprox il-progress lejn l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u lanqas ma jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva lejn ir-riżultati f'termini ta' valur miżjud tal-UE. Madankollu, ir-raba' rapport ta' evalwazzjoni jirrappreżenta pass fid-direzzjoni t-tajba billi jipprova jistabbilixxi rabta bejn il-programmi finanzjarji prinċipali u l-informazzjoni disponibbli, dwar il-prestazzjoni, rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020.

Fil-livell tad-direttorati ġenerali individwali tal-Kummissjoni, jiġu stabbiliti objettivi tal-prestazzjoni għar-responsabbiltajiet tal-politiki tagħhom fil-pjanijiet ta' ġestjoni u mbagħad jiġu rrapportati fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom. L-analiżi mill-QEA tal-pjanijiet ta' ġestjoni u tar-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni żvelat li l-aċċertament huwa limitat għal kwistjonijiet ta' regolarità u kontroll intern u ma jindirizzax kwistjonijiet ta' prestazzjoni. Barra minn hekk, l-objettivi kienu f'livell għoli wisq biex ikunu tajbin għall-iskopijiet ta' ġestjoni u l-indikaturi magħżula mhux dejjem huma adatti għall-kejl tal-prestazzjoni.

## Il-valur miżjud tal-infiq tal-UE mhux dejjem jintwera

Id-19-il rapport speċjali adottat mill-QEA fl-2013 ikopru firxa wiesgħa ta' suġġetti dwar l-awditu tal-prestazzjoni li jivvalutaw jekk l-intervent tal-UE kienx immaniġġjat skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (ekonomija, effiċjenza u effettività).

Il-QEA eżaminat it-tagħlimiet li jistgħu jittieħdu mir-Rapporti Speċjali 2013 tagħha għat-tnejjja ta' programmi u proġetti ġodda għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u sabet li:

- **Il-valur miżjud tal-UE mhux dejjem kien ġie garantit; u**

### *Eżempju: Il-fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni*

Il-fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni jikkompensa lill-ħaddiema affettwati minn telf ta' impjieg fuq bażi massiva. Il-QEA sabet li terz tal-finanzjament kien jitħallas xorta mill-Istati Membri. (Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2013 "Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wassal għal valur miżjud tal-UE bir-riintegrazzjoni ta' ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom?")

- **F'bosta każijiet kien hemm deadweight potenzjali, li jfisser li l-benefiċjarji kienu jidħlu għall-attività anke mingħajr il-finanzjament mill-UE.**

### *Eżempju: Il-faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji*

Il-Kummissjoni ma kinitx iddimostrat b'mod suffiċjenti li l-appoġġ tal-UE taħt il-faċilità ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji (strument finanzjarju mfassal sabiex itejjeb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għar-riċerka) jwassal għal investimenti ogħla mil-livell li l-benefiċjarji kienu xorta waħda jidħlu għalih fin-nuqqas tiegħu. (Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2013 "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effiċjenti tas-seba' programm kwadru għar-riċerka?")



### Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA ġew implimentati

Is-segwitu mill-QEA tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi tal-prestazzjoni tagħha huwa element ewlieni fiċ-ċiklu tal-obbligu ta' rendikont, u jgħin biex titħeġġeġ l-implimentazzjoni effettiva mill-Kummissjoni, tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti. Il-QEA analizzat is-segwitu mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' tmien rapporti speċjali adottati fil-perjodu 2007 – 2010 u sabet li 79 % tar-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati jew bis-sħiħ jew inkella fil-biċċa l-kbira.

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:

- fl-okkażjoni li jmiss meta r-Regolament Finanzjarju jiġi rrevedut, tirrazzjonalizza l-qafas tar-rappurtar tal-prestazzjoni tagħha;
- tiżgura li r-rapport ta' evalwazzjoni jippreżenta kont sommarju li jiġbor l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020; u
- tkompli tiżviluppa s-sistema tagħha ta' ġestjoni u rappurtar tal-prestazzjoni sabiex din tal-aħħar tippermetti li l-Kummissjoni tiegħu r-responsabbiltà għal ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll għall-kontribut mill-baġit tal-UE għal kisbiet ta' politika.

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-oqsma tad-dħul u tal-infiq

18



Dħul

EUR 149,5 biljun

## X'awditjajna

L-awditu kopra d-dħul tal-UE, li permezz tiegħu din tiffinanzja l-baġit tagħha. Fl-2013, il-kontribuzzjonijiet għad-dħul ikkalkulati abbażi tal-ING tal-Istati Membri u l-VAT miġbura minnhom ipprovdew 74 % u 10 % rispettivament. Id-dazji doganali miġbura fuq l-importazzjonijiet u t-taxxa fuq il-produzzjoni taz-zokkor miġbura minn amministrazzjonijiet tal-Istati Membri f'isem l-UE pprovdew 10 % tad-dħul, u s-6 % li kien jifdal kien dħul ieħor.

### Spjegazzjoni tal-awditu tad-dħul tal-UE

Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-ING u fuq il-VAT huwa kkalkulat abbażi ta' statistika makroekonomika u stimi pprovduti mill-Istati Membri. L-awditu mill-QEA tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jkopri l-ipproċessar mill-Kummissjoni ta' din id-*data* iżda mhux il-ġenerazzjoni inizjali tagħha mill-awtoritajiet fl-Istati Membri. Bħala konsegwenza, il-konklużjoni tal-awditjar tal-QEA tindirizza l-impatt ta' kwalunkwe żball tal-Kummissjoni fuq l-ammont kumplessiv ta' dħul.

Għal dazji doganali, il-QEA teżamina t-trattament mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjoni tad-dazji ppreżentati mill-Istati Membri u l-kontrolli fl-Istati Membri magħżula.

## X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Le**

Rata ta' żball stmata:

**0,0 %** (2012: 0,0 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Effettivi**

Il-QEA tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni ta' **data dwar l-ekonomija mhux osservata** li hija inkluża fil-kalkolu mill-Istati Membri tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING. Din id-*data* mhijiex armonizzata b'mod suffiċjenti bejn l-Istati Membri.

Riżerva hija mezz li permezz tiegħu element dubjuż fid-*data* tal-ING ippreżentata minn Stat Membru jista' jinżamm miftuħ għall-korezzjoni. Hemm **riżerva ġenerali fuq id-*data* tal-ING tal-Greċja** għas-snin 2008 u 2009 għax għadha bbażata fuq stimi preliminari. Din hija parti minn problema fil-kontijiet nazzjonali tal-Greċja.

L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu kontrolli biex jivverifikaw jekk ir-regolamenti dwar it-tariffi u l-importazzjoni jiġux rispettati mill-importaturi. Il-QEA sabet li l-kwalità ta' dawn il-kontrolli kienet tvarja sostanzjalment fl-Istati Membri miżjura. Dan jista' jwassal biex l-importaturi jagħżlu li jiddikjaraw merkanzija fi Stat Membru li jkun differenti minn dak fejn huma domiċiljati biex inaqqsu l-probabbiltà li jkunu suġġetti għal kontrolli u biex jikkompikaw il-ġbir ta' dazji dovuti. Eżempju wieħed bħal dan fejn deher li kien hekk kien ta' importatur, li ħatt merkanzija Ċiniża tat-tessuti f'Hamburg (il-Ġermanja), ittrasportaha lejn Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) biex jiddikjaraha hemmhekk għaċ-ċirkolazzjoni libera u mbagħad saqha sal-Polonja għall-bejgħ finali.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- o tippromwovi l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri tal-metodoloġiji tagħhom għall-kompilazzjoni ta' *data* dwar l-ekonomija mhux osservata;
- o tistabbilixxi u timmonitorja mill-qrib pjan ta' azzjoni dettaljat bi stadji importanti ċari biex tindirizza l-problemi fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tal-Greċja; u
- o tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tal-kontrolli mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri biex ikun jista' jsir immirar aħjar fuq importaturi riskjużi.



Trid issir taf aktar? Informazzjoni sħiħa dwar l-awditu mill-QEA tad-dħul tal-UE tinstab fil-Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali 2013 dwar il-baġit tal-UE.



## Agrikoltura: suq u appoġġ dirett EUR 45,0 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq ikopri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), wieħed miż-żewġ strumenti prinċipali tal-Politika Agrikola Komuni tal-UE. Din il-politika tfittex li żżid il-produttività agrikola, li tiżgura livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, li tistabbilizza s-swieq u li tassigura d-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel bi prezzijiet raġonevoli. Il-ġestjoni tal-infiq hija kondiżiż mal-Istati Membri.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**3,6 %** (2012: 3,8 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Parti kbira min-nefqa f'dan il-qasam hija kkalkulata fuq il-bażi tas-superfiċje tal-art agrikola. Ħafna żbalji kwantifikabbli huma r-riżultat ta' klejms impreċiżi mill-benefiċjarji, u l-aktar frekwenti huma **dikjarazzjonijiet eċċessivi tal-erja tal-art** (ara l-eżempju).

#### Eżempju: **Dikjarazzjonijiet eċċessivi – ikklejmjar ta' għajxuna għal art ineliġibbli**

Fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Franza, fil-Polonja u fir-Rumanija\* xi art ikklejnjata u mħallsa bħala **mergħa permanenti** fil-verità kienet miksjia kollha jew parzjalment b'veġetazzjoni ineliġibbli (buxxijiet jew siġar densi). Dawn l-erjas ineliġibbli kien imisshom ġew esklużi mill-għajxuna tal-UE. Fil-Greċja dan l-iżball seħħ għax tali erjas kienu klassifikati bħala bur eliġibbli u reġistrati kif meħtieġ fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula tar-raba'.

\* Nota dwar it-tismija ta' Stati Membri f'eżempji: Minħabba l-approċċ tal-kampjunar tagħha l-QEA ma tawditjax tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. L-eżempji ta' żbalji huma pprovduti sabiex jintwerew it-tipi l-aktar frekwenti ta' żball. Huma ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri individwali, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni konċernati.

Il-benefiċjarji tal-għajxuna tal-UE fl-iskemi kollha ta' għajxuna diretta tal-FAEG għandhom obbligu legali biex jis-sodisfaw **rekwiżiti ta' kundizzjonalità**. Dawn ir-rekwiżiti huma relatati mal-ħarsien tal-ambjent, mas-saħħa pubblika, mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti, mat-trattament xieraq tal-annimali u mal-manutenzjoni tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Jekk il-bdiewa ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi l-għajxuna tagħhom titnaqqas. Fl-ittestjar tagħha l-QEA sabet ksur f'25 % tat-tranżazzjonijiet suġġetti għal obbligi ta' kundizzjonalità.

Għal għadd sinifikanti ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball, **l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżball qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball stmata f'dan il-qasam kienet tkun 2,5 %.

## Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-oqsma tad-dħul u tal-infiq

L-eżaminar mill-QEA tas-**sistemi integrati ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK)** f'erba' Stati Membri (il-Ġermanja, l-Irlanda, Franza u l-Italja) żvela:

- dgħufijiet fil-proċeduri ta' kontroll amministrattiv inkluża l-kwalità tad-databases fi tliet Stati Membri (l-Irlanda, Franza u l-Italja);
- defiċjenzi fil-kwalità ta' kontrolli fuq il-post f'żewġ Stati Membri (il-Ġermanja u l-Italja); u
- dgħufijiet fil-proċeduri għall-iżguraw tal-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti f'żewġ Stati Membri (l-Irlanda u l-Italja).

Minkejja d-dgħufijiet li nqabdu mill-awditu, is-SIAK tagħmel kontribut sinifikanti inġenerali għall-prevenzjoni ta' żbalji fl-infiq li tkopri.

Fl-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 jew wara, l-għajjnuna tal-UE hija disponibbli għal **gruppi tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex**. Biex ikunu rikonoxxuti bħala tali, il-gruppi tal-produtturi jridu jikkonformaw ma' kondizzjonijiet fir-rigward tal-għadd u d-daqs relattiv ta' produtturi membri. Il-QEA sabet li 9 minn 40 grupp tal-produtturi awditjat fil-Polonja ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tagħha, il-Kummissjoni rrapportat li kienet stabbilixxiet riżerva li tiswa 25 % tal-infiq totali taħt il-miżura f'riskju fil-Polonja.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li:

- il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jintuża l-potenzjal sħiħ tas-SIAK, pereżempju billi tiżgura li l-eliġibbiltà u d-daqs tal-ħbula agrikoli jiġu vvalutati u rreġistrati b'mod korrett; u
- il-Kummissjoni timmonitorja l-azzjoni korrettiva fir-rigward tad-defiċjenzi fl-għajjnuna tal-UE lil gruppi tal-produtturi fil-Polonja.



Trid issir taf aktar? Informazzjoni sħiħa dwar l-awditu mill-QEA tan-nefqa tal-UE fuq is-suq u appoġġ dirett fl-agrikoltura tinstab fil-Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali 2013 dwar il-baġit tal-UE.



## Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa EUR 15,6 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq ikopri l-iżvilupp rurali; l-ambjent u l-azzjoni dwar il-klima; l-affarijiet marittimi u s-sajd; u s-saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jirrappreżenta 88 % tal-pagamenti f'dan il-qasam. Il-ġestjoni tal-infiq hija kondiviża mal-Istati Membri. Il-FAEŻR jikkofinanzja n-nefqa għall-iżvilupp rurali permezz ta' programmi għall-iżvilupp rurali tal-Istati Membri. In-nefqa tkopri miżuri relatati maż-żona (bħall-pagamenti agroambjentali u l-pagamenti kumpensatorji lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali) kif ukoll miżuri mhux relatati maż-żona (bħall-modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli u l-istabbiliment ta' servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali).

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**6,7 %** (2012: 7,9 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Ir-raġuni għall-biċċa l-kbira mill-iżbalji kienet in-**nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà**, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw impenji agroambjentali (ara l-eżempju), rekwiżiti speċifiċi għal proġetti għall-investiment u regoli tal-akkwist.

#### *Eżempju: Nuqqas ta' konformità mal-impenji agroambjentali*

Bidwi f'Sardinja (l-Italja) ġie kkompensat talli ma użax **prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jagħmlu l-ħsara fuq il-qaqoċċ**. Matul iż-żjara tagħha fuq il-post, il-QEA sabet li l-benefiċjarju kien uża tali prodotti 12-il darba matul il-perjodu awditjat. Minħabba dan, il-pagament sar ineliġibbli.

Każijiet simili ta' nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali nqabdu wkoll fil-Pjemonte (l-Italja), fl-Ungerija, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja u fir-Rumanija.

Għal għadd sinifikanti ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball, l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom **biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jaqbd u jikkoreġu l-iżball qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball stmata f'dan il-qasam kienet tkun 2,0 %.

L-eżaminar mill-Qorti tas-**sistemi ta' kontroll** għall-iżvilupp rurali żvela:

- dgħufijiet fil-**kontrolli tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà** bħan-nuqqas ta' detezzjoni ta' VAT ineliġibbli jew ir-riskju ta' finanzjament doppju (bl-eċċezzjoni tal-Polonja, f'sebgħa minn tmien Stati Membri eżaminati – il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja);
- evalwazzjoni insuffiċjenti tar-**raġonevolezza tal-ispejjeż** (fl-erba' Stati Membri kollha eżaminati – l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija);
- defiċjenzi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-**kontrolli tal-kundizzjonalità** (fl-erba' Stati Membri kollha eżaminati – ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja u Malta). Il-kundizzjonalità tobbliga lill-benefiċjarji li jissodisfaw kundizzjonijiet speċifiċi biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, bħal standards ambjentali jew soċjali; u
- dgħufijiet fil-**kontrolli tar-regoli tal-akkwist** (fit-tliet Stati Membri kollha eżaminati – l-Italja, il-Latvja u l-Polonja; ara l-eżempju).

### *Eżempju: Kontrolli insuffiċjenti mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli tal-akkwist*

Fil-Latvja, l-aġenzija tal-pagamenti kienet il-benefiċjarja ta' EUR 2 miljun f'għajjnuna mill-FAEŻR, biex tiffinanzja s-**sistema tal-IT esternalizzata** tagħha, li għaliha l-kuntratt kien suġġett għal regoli tal-akkwist pubbliku. Il-QEA sabet li l-għoti tal-kuntratt għas-sistema tal-IT u l-manutenzjoni sussegwenti tagħha kien milqut minn bosta żbalji serji. Pereżempju, l-aġenzija tal-pagamenti applikat proċedura negozjata minflok proċedura miftuħa jew ristretta kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni. In-nuqqas ta' rispett ta' dawn il-proċeduri meħtieġa jirrendi l-infiq ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE.

## X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali li:

- l-Istati Membri jwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi eżistenti tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-aġenziji tal-pagamenti. Dan għandu l-potenzjal li jaqbad u jikkoreġi l-biċċa l-kbira mill-iżbalji; u
- l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni għall-indirizzar tar-rata għolja ta' żball stmata fl-iżvilupp rurali jinkludu r-reġjuni u l-miżuri kollha, b'mod partikolari l-miżuri ta' investiment, u jieħdu inkunsiderazzjoni s-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-QEA.



## Politika reġjonali, enerġija u trasport EUR 45,5 biljun

### X'awditjajna

Dan l-awditu kopra l-politika reġjonali (96 % tal-pagamenti f'dan il-qasam ta' nfiq), li hija ffinanzjata fil-biċċa l-kbira permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Il-politika reġjonali għandha l-għan li ssaħħa il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn reġjuni differenti. Il-ġestjoni tan-nefqa għall-politika reġjonali hija kondiviża mal-Istati Membri, u tinvolvi l-kofinanzjament ta' proġetti fi ħdan programmi ta' nfiq approvati.

L-enerġija u t-trasport jirrappreżentaw l-4 % li jifdal ta' dan il-qasam ta' nfiq awditjat. Il-politiki tal-enerġija u t-trasport għandhom l-għan li jipprovdu liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej b'sistemi u servizzi tal-enerġija u t-trasport li jkunu sikuri, sostenibbli u kompetittivi. Din in-nefqa hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**6,9 %** (2012: 6,8 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Il-QEA sabet **żbalji serji fl-akkwist pubbliku**, li jammontaw għal 39 % tar-rata ta' żball stmata. Il-valur stmat ikkombinat tal-kuntratt għall-122 proċedura ta' akkwist pubbliku eżaminata ammonta għal EUR 4,2 biljun.

#### Eżempju: Għoti dirett mhux ġustifikat

Kuntratti għal xogħlijiet addizzjonali ta' kostruzzjoni għal **terminal tal-passiġġieri f'ajruport** fil-Ġermanja ngħataw direttament lill-kuntrattur oriġinali. Dawn ix-xogħlijiet addizzjonali kienu l-konsegwenza ta' tnejn, ippjanar u implimentazzjoni ta' kwalità baxxa tal-proġett aktar milli ta' ċirkustanzi mhux prevedibbli. F'każijiet bħal dawn għoti dirett huwa illegali u kien imissha saret sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet addizzjonali.

Instabu każijiet simili ta' għotjiet diretti mhux ġustifikati fi proġetti fil-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, band'oħra fil-Ġermanja, fi Spanja, fl-Italja, u fl-Isvezja.

L-awdituri tal-QEA jivverifikaw ukoll jekk ir-**regoli** tal-UE **dwar l-għajnuna mill-Istat** humiex rispettati. Għajnuna illegali mill-Istat tirrappreżenta vantaġġ inġust għall-entitajiet beneficijarji u b'hekk toħloq distorsjoni tas-suq intern. Żbalji fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat jammontaw għal 17 % tar-rata ta' żball stmata f'dan il-qasam (ara l-eżempju).

### *Eżempju: Għajnuna mill-Istat għal proġett vantaġġuż*

Għajnuna ngħatat lil impriża żgħira jew medja (SME) fis-Slovenja għal **attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fl-industrija awtomobilistika**. Madankollu, l-SME kienet tappartjeni kollha kemm hi lil kumpaniji kbar u wettqet l-attivitajiet ta' riċerka tagħha esklussivament għalihom. Minħabba li r-regoli tal-finanzjament pubbliku huma aktar stretti għal impriżi kbar, il-kumpanija ma kellhiex id-dritt li tirċievi l-finanzjament kollu kemm hu.

Instabu każijiet simili fil-Bulgarija u fl-Ungerija.

Għal għadd sinifikanti ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball, l-**awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball stmata f'dan il-qasam kienet tkun 3,9 %.

L-awdituri tal-QEA sabu wkoll li l-**istrumenti ta' inġinerija finanzjarja** (SIF) għad għandhom rati baxxi ta' żborżament lir-riċevituri finali fl-2013. Dawn il-fondi jipprovdu assistenza lil impriżi jew lil proġetti urbani permezz ta' investimenti ta' ekwità, self jew garanziji. Huma jirċievu kontribuzzjoni meta tiġi stabbilita l-istruttura legali tagħhom, u sussegwentement jużaw dawn il-flus biex jappoġġaw proġetti. B'kollox, 940 SIF kienu ġew stabbiliti f'25 Stat Membru b'dotazzjoni ta' madwar EUR 12,6 biljun.

## X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- tirrikjedi mill-Istati Membri, fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom, konferma espliċita fir-rigward tal-effettività tal-kontrolli tal-ewwel livell imwettqa mill-awtoritajiet maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni;
- twettaq valutazzjoni fil-fond, kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju, tal-problema persistenti bil-kontrolli tal-ewwel livell mill-awtoritajiet fl-Istati Membri matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013;
- tanalizza r-raġunijiet għall-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat; u
- tnaqqas id-dewmien persistenti fl-iżborżament tal-fondi tal-UE permezz tal-SIF.



## Impjiegi u affarijiet soċjali EUR 16,2 biljun

### X'awditjajna

L-awditu kopra l-qasam ta' nfiq *impjiegi u affarijiet soċjali*, parti mill-politika ta' koeżjoni tal-UE. L-objettivi prinċipali tal-infiq huma li jiġi miġġieled il-qgħad, li jiġu żviluppati r-riżorsi umani u li tiġi promossa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-għodda prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali, u jirrappreżenta 98 % tal-pagamenti fil-qasam ta' nfiq fl-2013. L-FSE jiffinanzja investimenti fil-kapital uman permezz ta' taħriġ u miżuri oħra tal-impjieg. Il-ġestjoni tal-infiq hija kondiviża mal-Istati Membri.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**3,1 %** (2012: 3,2 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji maqbuda – 93 % tar-rata ta' żball stmata – kienu jikkonċernaw ir-rimborż ta' **spejjeż, proġetti, benefiċjarji jew parteċipanti ineliġibbli** (ara l-eżempju). Il-bqija kienu jinvolve żbalji tal-akkwist pubbliku.

#### *Eżempju: Dikjarazzjoni eċċessiva ta' spejjeż għall-persunal*

Skont ir-regoli applikabbli, l-ispejjeż ġenerali għandhom jiġu allokati *pro rata* għall-proġetti ffinanzjati bi flus l-UE skont metodi ġusti u ekwi debitament ġustifikati. Fi **skola privata** fil-Portugall, is-salarju sħiħ tad-direttur tal-iskola ġie ddebitat lill-proġett tal-UE, għalkemm kellu wkoll responsabbiltajiet oħra. Barra minn hekk, il-kofinanzjament massimu għas-salarji ma kienx rispettata.

Ġew identifikati wkoll sejbiet simili fi proġetti fil-Ġermanja, fi Spanja, fl-Italja, fil-Polonja u fir-Renju Unit.

Għal għadd sinifikanti ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball, **l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżball qabel ma talbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kienet intużata biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball stmata f'dan il-qasam kienet tkun 1,8 %.

Fuq rakkomandazzjoni mill-QEA u bil-għan li jitnaqqsu l-probabbiltà ta' żball u l-piż amministrattiv fuq il-promoturi ta' proġetti, l-użu minn **pagamenti ta' somom f'daqqa u pagamenti b'rata fissa** minflok ir-rimborż tal-"ispejjeż reali" ġie estż fl-2009. Fl-awditu tagħha tal-2013 il-QEA ma qabdet ebda żball kwantifikabbli relatat mal-użu speċifiku minn pagamenti ta' somom f'daqqa u minn pagamenti b'rata fissa. Dan jindika li proġetti li l-ispejjeż tagħhom jiġu ddikjarati bl-użu ta' tali opzjonijiet ta' pagament huma **inqas suxxettibbli għal żbalji**.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- tteġġeg lill-Istati Membri biex isaħħu l-kontrolli relatati mar-regoli tal-akkwist pubbliku, ma' ispejjeż mhux relatati mal-proġetti u ma' proġetti mingħajr ebda valur miżjud tal-UE;
- għandha tiżgura li l-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni dwar id-debitar tal-ispejjeż għall-persunal b'rati ogħla għal proġetti tal-UE meta mqabbla ma' dawk iffinanzjati minn fondi nazzjonali; u
- tiżgura li l-Istati Membri jkunu qiesu l-possibiltajiet kollha ta' simplifikazzjoni permessi bir-regolamenti tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014-2020.





## Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir EUR 6,0 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq ikopri n-nefqa fl-oqsma ta' relazzjonijiet esterni, żvilupp u għajnuna umanitarja u miżuri għall-pajjiżi kandidati u ta' adeżjoni tal-UE. Il-proġetti għall-iżvilupp huma mxerrda f'aktar minn 150 pajjiż, u l-organizzazzjonijiet implimentattivi jvarjaw ħafna kemm fid-daqs kif ukoll fl-esperjenza. Biex ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-UE, il-proġetti huma meħtieġa jikkonformaw ma' kundizzjonijiet stipulati fi ftehimiet speċifiċi ta' finanzjament kif ukoll ma' regoli oħra li jkopru, pereżempju, proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u ta' għoti ta' kuntratti. L-infiq huwa implimentat direttament mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, jew mill-kwartieri ġenerali tagħhom fi Brussell, inkella mid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi riċevituri, jew inkella b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**2,6 %** (2012: 3,3 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji jinvolvu nfiq ineliġibbli mġarrab fil-livell tal-benefiċjarju finali, bħal: infiq imġarrab barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà; inklużjoni ta' nfiq ineliġibbli (eż. VAT, spejjeż għall-persunal u spejjeż ġenerali mhux ġustifikati) fil-klejms tal-ispejjeż; u fl-infiq mingħajr dokumenti ta' sostenn adegwati.

#### Eżempju: Infiq mhux imġarrab

Il-Kummissjoni ffirmat kontribuzzjoni ta' EUR 9,5 miljun għall-programm ta' żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti biex **jitravwem l-iżvilupp soċjali fil-Moldova**. FI-2013, il-Kummissjoni aċċettat kuntratti għal rimborż li jiswaw EUR 1,8 miljun li għalihom ma kien iġġarrab ebda nfiq.

L-infiq ta' qabel l-adeżjoni li ammonta għal total ta' EUR 150 miljun ġie validat mill-Kummissjoni mingħajr dokumentazzjoni ta' sostenn li kienet tikkonferma li l-ispejjeż kienu ġġarrbu u kienu eliġibbli. L-ammonti validati kienu bbażati fuq l-istimi proprji tal-Kummissjoni aktar milli fuq spejjeż imġarrba, imħallsa u aċċettati evidenzjati minn dokumenti ta' sostenn. Wara d-detezzjoni mill-QEA ta' dan l-**iżball sistemiku**, il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet kontabilistiċi għat-tranżazzjonijiet ikkonċernati.

Il-EuropeAid, direttorat ġenerali tal-Kummissjoni, jimmaniġġja l-biċċa l-kbira mill-infiq baġitarju tal-UE għall-azzjoni esterna. Is-sistemi eżaminati tal-EuropeAid huma vvalutati bħala parzjalment effettivi. F'Mejju 2013 il-EuropeAid adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet prinċipali identifikati.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- tiżgura li l-istruzzjonijiet lill-persunal jiddikjaraw li l-approvazzjonijiet għandhom isiru biss abbażi ta' nfiq imġarrab u ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-istimi proprji tagħhom. Il-Kummissjoni diġà qablet li temenda l-proċedura ta' approvazzjoni tagħha kif meħtieġ.



Trid issir taf aktar? Informazzjoni sħiħa dwar l-awditu mill-QEA tan-nefqa fir-relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir mill-baġit tal-UE tinstab fil-Kapitolu 7 tar-Rapport Annwali 2013 dwar il-baġit tal-UE.



## Riċerka u politiki interni oħra EUR 10,4 biljun

### X'awditjajna

Il-komponent prinċipali ta' dan il-qasam ta' nfiq huwa proġetti għar-riċerka u l-innovazzjoni b'EUR 7,7 biljun ta' pagamenti fl-2013. Politiki interni oħra jkopru infiq fuq firxa ta' objettivi ta' politika, li jinkludu l-edukazzjoni u l-kultura, is-sigurtà, il-migrazzjoni u miżuri għall-ġlieda kontra l-effetti tal-kriżi finanzjarja. Il-biċċa l-kbira min-nefqa hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Iva**

**Rata ta' żball stmata:**

**4,6 %** (2012: 3,9 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

Għall-biċċa l-kbira mill-pagamenti f'dan il-qasam ta' nfiq, il-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji tal-finanzjament fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-proġetti. Żbalji jirriżultaw meta l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż ineliġibbli, li ma jinqabdux mis-sistemi ta' kontroll qabel ir-rimborż mill-Kummissjoni. **Spejjeż għall-persunal li jiġu kkalkulati b'mod skorrett jew inkella jkunu ineliġibbli** jikkawżaw 35 % tar-rata ta' żball stmata. Dan jinkludi d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal li jkunu bbaġitjati aktar milli reali, kif ukoll id-debitar ta' ħin li ma kienx tqatta' fuq il-proġett.

Minbarra n-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' nfiq, ir-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli wkoll ifixkel l-implimentazzjoni b'suċċess tal-objettivi ta' politika u għalhekk jillimita l-**valur miżjud miġjub minn appoġġ tal-UE** (ara l-eżempju).

#### **Eżempju: Eżempju: Infiq ineliġibbli jnaqqas il-valur miżjud tal-UE**

L-UE tipprovdi finanzjament biex tappoġġja kontrolli effiċjenti u effettivi fil-fruntieri esterni tal-UE. Il-QEA eżaminat proġett fi Spanja li kien jikkonsisti fix-**xiri ta' erba' ħelikopters** li kellhom jintużaw 75 % tal-ħin operatorju tagħhom għas-sorveljanza u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni tal-UE. Madankollu, il-QEA sabet li l-ħelikopters intużaw biss 25 % tal-ħin operatorju tagħhom għal dan l-iskop. Dan jimplika li l-UE kien imissha ħallset biss 25 % ta' kemm kienu jiswew il-ħelikopters u mhux 75 % bħalma kien il-każ.

Bħala parti mis-sistemi ta' kontroll għan-nefqa tar-riċerka, il-**Kummissjoni tiċċekkja** r-rapporti ta' progress u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-proġetti ffinanzjati qabel ma jsiru l-pagamenti. Il-QEA sabet li l-Kummissjoni mhux dejjem tapplika l-proċeduri tagħha b'mod uniformi, u dan jista' jnaqqas l-effiċjenza tal-programm u jżid il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- o tipprovdi gwida f'waqtha, konsistenti u ċara lill-benefiċjarji u lill-awtoritajiet fl-Istati Membri dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà u l-arranġamenti ta' kontroll għall-programmi l-ġodda 2014-2020 għar-riċerka (Horizon 2020) u politiki interni oħra; u
- o tagħmel l-attivitajiet ta' kontroll tagħha mmexxija aktar mir-riskju, filwaqt li tiffoka l-kontrolli fuq benefiċjarji b'riskju għoli (pereżempju entitajiet b'inqas esperjenza ta' finanzjament Ewropew) u tnaqqas il-piż ta' kontrolli fuq benefiċjarji inqas riskjużi.





## Nefqa amministrattiva u nfiq relatat EUR 10,6 biljun

### X'awditjajna

In-nefqa amministrattiva u nfiq relatat ikopri l-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE u ta' korpi oħra. Dawn huma l-Kummissjoni, il-Parlament, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Regġuni, l-Ombudsman u l-Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data.

L-infiq fuq ir-riżorsi umani (salarji, allowances u pensjonijiet), jirrappreżenta 60 % tal-qasam ta' nfiq: Nefqa fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjonijiet u kontijiet tat-teknoloġija tal-informatika tirrappreżenta l-bqija.

Ir-riżultati tal-awditu mill-QEA tal-aġenziji u ta' korpi deċentralizzati oħra tal-Unjoni Ewropea huma rrapportati f'rapporti annwali speċifiċi, li huma ppubblikati separatament, flimkien ma' sommarju tar-riżultati.

### X'sibna



L-eżaminar tal-biċċa l-kbira mis-sistemi ta' kontroll ma żvela ebda dgħufija serja. Iżda l-Qorti tinnota żbalji ripetuti fil-pagament ta' salarji u ta' allowances mill-Kummissjoni u mis-SEAE, kif ukoll dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist tad-delegazzjonijiet tal-UE (mmexxija mis-SEAE).

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li:

- il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jieħdu passi ulterjuri biex jassiguraw li r-rekords tal-persunal li jaffettwaw il-pagament ta' salarji u ta' allowances ikunu aġġornati; u
- is-SEAE għandu jipprovdi appoġġ u gwida lid-delegazzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist.



## Fondi ewropej għall-iżvilupp (FEŻ) EUR 2,6 biljun

### X'awditjajna

Il-FEŻ jipprovdu assistenza mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (OCTs). L-infiq għandu bħala għan it-tnaqqis u eventwalment l-eradikazzjoni tal-faqar, u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni tal-pajjiżi AKP u l-PTEE fl-ekonomija dinjija.

Il-FEŻ huma ffinanzjati mill-Istati Membri, irregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess u mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea barra l-qafas tal-baġit tal-UE. L-għajnuna esterna ffinanzjata mill-FEŻ tiġi implimentata f'ambjent b'riskju għoli, notevolment minħabba attivitajiet imxerxa ġeografikament u kapaċità istituzzjonali u amministrattiva dgħajfa f'pajjiżi msieħba.

### X'sibna

Affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ:

**Il-kontijiet 2013 jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti.**

Id-dħul tal-FEŻ huwa milqut minn żball materjali?

**Le**

L-impenji tal-FEŻ huma milquta minn żball materjali?

**Le**

Il-pagamenti tal-FEŻ huma milquta minn żball materjali?

**Iva**

Rata ta' żball stmata:

**3,4 %** (2012: 3,0 %)

Sistemi ta' kontroll eżaminati:

**Parzjalment effettivi**

**In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist** kien responsabbli għal madwar nofs ir-rata ta' żball stmata (ara l-eżempju). Sors sinifikanti ieħor ta' żbalji huwa n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn li jiġġustifikaw l-infiq.

#### *Eżempju: Nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju li jikkonforma mal-proċeduri ta' akkwist*

Il-QEA eżaminat offerta għal **tagħmir tal-IT għal ċentru ta' informazzjoni għan-negozji** ffinanzjat permezz ta' programm ta' appoġġ lill-intrapriżi mikro u żgħar. L-awditu żvela li l-kuntratt ma kienx ingħata lill-offerta bl-inqas prezz - minkejja l-fatt li l-inqas prezz kien il-kriterju tal-għotja. L-iżball ma nqabadx mill-awditur, li taħt il-kuntratt qafas tal-awditjar tal-Kummissjoni, wettaq awditu finanzjarju ta' dan il-programm.

Il-FEŻ jintużaw ukoll biex jiġi pprovdut **appoġġ baġitarju**, jiġifieri pagamenti diretti fil-baġit tal-Istat ta' pajjiż li qed jiżviluppa, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Il-QEA qabdet żbalji fit-tranżazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fejn l-issodisfar ta' kundizzjonijiet kien tkejjel b'mod żbaljat u r-rata tal-kambju skorretta ntużat għall-konverżjoni ta' appoġġ baġitarju għall-munita lokali.

Il-EuropeAid, direttorat ġenerali tal-Kummissjoni, jimmaniġġja l-biċċa l-kbira mill-infiq estern taħt il-baġit tal-UE u kważi l-infiq kollu taħt il-FEŻ. Is-sistemi eżaminati tal-EuropeAid huma vvalutati bħala parzjalment effettivi. Madankollu, f'Mejju 2013 il-EuropeAid adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet prinċipali identifikati.

### X'nirrakkomandaw

Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

- o tirkupra l-imġax iġġenerat minn prefinanzjament;
- o tirrevedi l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kontrolli implimentati; u
- o tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-indirizzar tad-dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll.



Trid issir taf aktar? Informazzjoni sħiħa dwar l-awditu mill-QEA tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp tinstab fir-Rapport Annwali 2013 dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9 u mill-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ).

## Daqqa t'għajn lejn l-approċċ tal-awditjar

L-opinjoni tal-QEA fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni huma bbażati fuq evidenza oġġettiva miksuba minn ittestjar tal-awditjar skont standards internazzjonali tal-awditjar. Dan li ġej huwa spjegazzjoni ta' kif isir ix-xogħol.

### Affidabbiltà tal-kontijiet

#### Il-kontijiet annwali tal-UE jipprovdu informazzjoni kompleta u preċiża?

*Il-baġit tal-UE huwa kumpless. Mijiet ta' eluf ta' entrati kontabilistiċi huma inizjati mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni kull sena, li jaqbd u informazzjoni minn ħafna sorsi differenti (inklużi Stati Membri). Il-QEA tiċċekkja li l-proċessi kontabilistiċi jaħdmu sew u li d-data kontabilistika riżultanti tkun kompleta, irreġistrata b'mod korrett u ppreżentata sew.*

- **Evalwazzjoni tas-sistema kontabilistika** biex jiġi żgurat li din tipprovdi bażi tajba għal *data* affidabbli (kompleta u preċiża).
- **Verifikazzjoni ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin** biex jiġi żgurat li jiffunzjonaw b'mod korrett.
- **Kontrolli analitiċi tad-*data* kontabilistika** biex jiġi żgurat li hija ppreżentata b'mod konsistenti u li tidher raġonevoli.
- **Iċċekkjar dirett ta' kampjun ta' entrati kontabilistiċi** biex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni ta' bażi teżisti u li hija reġistrata b'mod preċiż.
- **Iċċekkjar ta' rapporti finanzjarji** biex jiġi żgurat li jippreżentaw b'mod ġust is-sitwazzjoni finanzjarja.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

### It-tranżazzjonijiet tal-introjt u tal-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż<sup>1</sup> tal-UE li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE huma konformi mar-regoli li jirregolawhom?

*Il-baġit tal-UE jinvolti miljuni ta' pagamenti lil beneficijarji kemm fl-UE kif ukoll fil-bqija tad-dinja. Il-biċċa l-kbira minn dan l-infiq hija mmaniġġjata mill-Istati Membri. Biex tikseb l-evidenza li teħtieġ, il-QEA tittestja l-introjt u l-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż direttament u tivvaluta s-sistemi li permezz tagħhom jiġu amministrati u ċekkjati.*

- **Kampjuni tat-tranżazzjonijiet jittieħdu** mill-baġit kollu tal-UE bl-użu ta' tekniki tal-istatistika biex tiġi pprovduta bażi għal ittestjar dettaljat mill-awdituri tal-QEA.
- **It-tranżazzjonijiet kampjunati jiġu awditjati fid-dettall**, normalment fil-bini tar-riċevituri finali (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi akkwistati pubblikament) biex tinkiseb evidenza diretta li l-avveniment ta' bażi 'jeżisti', huwa rreġistrat sew u huwa konformi mar-regoli li taħthom isiru l-pagamenti kkonċernati.
- **Żbalji jiġu analizzati u kklassifikati** bħala li huma jew li mhumiex kwantifikabbli.
- **L-impatt tal-iżbalji jiġi kkalkulat** permezz tal-estrapolazzjoni ta' żbalji kwantifikabbli fil-forma ta' rata tal-iżball "l-aktar probabbli" (rata ta' żball stmata).
- **Ir-rata ta' żball stmata** titqabbel ma' livell limitu ta' materjalità ta' 2 % biex tiġi determinata l-opinjoni tal-QEA.
- **Għadd ta' sistemi ta' kontroll jiġu vvalutati** biex tiġi ddeterminata l-effettività tagħhom fl-iżgurar li t-tranżazzjonijiet li jimmaniġġjaw huma legali u regolari.
- Tittieħed inkunsiderazzjoni **informazzjoni rilevanti oħra**, bħal rapporti annwali tal-attività u rapporti ta' awdituri esterni oħra.
- **Is-sejbiet kollha jiġu diskussi** kemm mal-awtoritajiet fl-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-fatti huma korretti.
- **Il-QEA tadotta l-opinjoni tagħha** bbażati fuq ix-xogħol li sar u r-riżultati miksuba.

1 Pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż: pagamenti interim, pagamenti finali u approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem.

## Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u xogħolha

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri - QEA - hija l-**istituzzjoni** indipendenti **tal-awditjar** tal-Unjoni Ewropea. Aħna bbażati fil-Lussemburgu u nimpjegaw madwar 900 membru tal-persunal professjonali u ta' appoġġ, tan-nazzjonalitajiet kollha tal-UE. Mill-ħolqien tagħna fl-1977 'l hawn, iffukajna l-attenzjoni fuq l-importanza tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u kkontribwixxjna għat-titjib tagħha.

Ir-rapporti u l-opinjoni tal-awditjar tal-QEA huma element essenzjali tal-**katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE**. Il-prodott tagħna jintuża biex ikun hemm obbligu ta' rendikont – notevolment fi ħdan il-proċedura ta' kwittanza annwali – minn dawk responsabbli mill-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Din hija prinċipalment il-Kummissjoni, iżda tikkonċerna wkoll l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE. L-Istati Membri wkoll għandhom rwol importanti fil-ġestjoni kondiviża.

Il-kompiti prinċipali tagħna huma:

- o **awdi finanzjarji u tal-konformità**, prinċipalment fil-forma tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni;
- o **awdi tal-prestazzjoni** ta' suġġetti magħżula biex jiġi mmassimizzat l-impatt ta' xogħolna; u
- o **opinjonijiet** dwar regolamenti relatati mal-ġestjoni baġitarja u kwistjonijiet oħra ta' importanza.

L-għan tagħna huwa li nimmaniġġjaw ir-**riżorsi** tagħna b'mod li jiżgura bilanċ xieraq bejn l-attivitajiet varji tagħna, filwaqt li ngħinu fil-ksib ta' riżultati robusti u kopertura tajba fl-oqsma differenti kollha tal-baġit tal-UE.



### Il-prodott tagħna

Aħna nipproduċu:

- o **rapporti annwali** dwar il-baġit tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. Ir-rapporti annwali prinċipalment jinkludu l-opinjoni u r-riżultati fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, u jiġu ppubblikati kull sena f'Novembru;
- o **rapporti annwali speċifiċi** li jistabbilixxu l-opinjoni tal-awditjar finanzjarju tal-QEA dwar kull waħda mill-aġenziji u l-korpi varji tal-UE. Għandhom jiġu ppubblikati 53 fl-2014;
- o **rapporti speċjali** dwar suġġetti magħżula tal-awditjar, ippubblikati matul is-sena. Dawn huma prinċipalment awditi tal-prestazzjoni. Madwar 25 se jiġu ppubblikati fl-2014;
- o **opinjonijiet** użati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-approvazzjoni ta' liġijiet tal-UE u deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-ġestjoni finanzjarja. Se jiġu ppubblikati 6 fl-2014;
- o **analizżijiet panoramiċi** dwar oqsma magħżula ta' politika tal-UE u li janalizzaw sfidi usa' u xejriet fuq terminu twil. Għandhom jiġu ppubblikati tnjen fl-2014;
- o **rapport annwali tal-attività** li jipprovdi informazzjoni u intuizzjoni fir-rigward tal-attivitajiet tagħna għas-sena.

Xogħolna jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni u ż-żieda fit-trasparenza dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-UE, billi nipprovdu aċċertament dwar l-istat ta' dik il-ġestjoni u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għal titjib ulterjuri. Aħna nagħmlu dan fl-interessi taċ-**ċittadini tal-Unjoni Ewropea**.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

### **Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).

## Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni indipendenti tal-awditjar estern tal-UE – Gwardjani tal-finanzi tal-UE

Fir-rapporti annwali tagħha dwar il-baġit tal-UE u dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, il-QEA tagħti l-opinjoni – jew id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni – tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. L-iskop ta' din il-pubblikazzjoni huwa li jingħata sommarju tas-sejbiet u l-konklużjonijiet prinċipali. It-testijiet sħaħ tar-rapporti huma disponibbli fuq il-websajt tal-QEA u huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

